REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/619

tat-12 ta' April 2022

li jtemm rieżamijiet ta' "esportatur ġdid" tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2230 li jimponi dazju antidumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' aċidu triklorojsoċjanuriku li joriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, għal tliet produtturi esportaturi Ċiniżi, li jimponi d-dazju fir-rigward tal-importazzjonijiet ta' dawn il-produtturi u li jtemm ir-reġistrazzjoni ta' dawn l-importazzjonijiet

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea ([1]) ("ir-Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikolu 11(4) tiegħu,

Billi:

1. MIŻURI FIS-SEĦĦ

(1) F'Ottubru 2005, il-Kunsill impona, permezz tar-Regolament (KE) Nru 1631/2005 ([2]), dazju antidumping definittiv ("ir-Regolament oriġinali") fuq l-importazzjonijiet tal-aċidu triklorojsoċjanuriku (trichloroisocyanuric acid, "TCCA") li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina ("ir-RPĊ") u mill-Istati Uniti tal-Amerka ("l-Istati Uniti tal-Amerka"). Id-dazji antidumping kontra l-importazzjonijiet mir-RPĊ varjaw minn 7,3 % sa 40,5 % għal kumpaniji individwali filwaqt li d-dazju għall-pajjiż kollu ġie stabbilit għal 42,6 %.

(2) Bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 855/2010 ([3]), il-Kunsill naqqas ir-rata ta' dazju antidumping għal produttur esportatur wieħed minn 14,1 % għal 3,2 %.

(3) Wara rieżami tal-iskadenza, il-Kunsill impona miżuri tal-antidumping definittivi li jikkonsistu f'dazji individwali li jvarjaw minn 3,2 % sa 40,5 % b'dazju residwu ta' 42,6 % fuq l-importazzjonijiet tat-TCCA li joriġinaw mir-RPĊ bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1389/2011 ([4]).

(4) Bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 569/2014 ([5]), il-Kummissjoni imponiet rata ta' dazju individwali ta' 32,8 % għall-produttur esportatur wieħed ġdid. Għal produttur esportatur ieħor, il-Kummissjoni temmet l-investigazzjoni permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/392 ([6]).

(5) Wara t-tieni rieżami tal-iskadenza, skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni imponiet miżuri tal-antidumping definittivi li jikkonsistu f'dazji individwali li jvarjaw minn 3,2 % sa 40,5 % b'dazju residwu ta' 42,6 % fuq l-importazzjonijiet tat-TCCA li joriġinaw mir-RPĊ permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2230 ([7]).

2. L-INVESTIGAZZJONI ATTWALI

2.1. Talba għal rieżami

(6) Il-Kummissjoni rċeviet tliet talbiet għal rieżami ta' "esportatur ġdid" skont l-Artikolu 11(4) tar-Regolament bażiku. It-talbiet ġew ippreżentati minn Hebei Xingfei Chemical Co., Ltd (Hebei Xingfei) fit-13 ta' Lulju 2020, minn Inner Mongolia Likang Bio-Tech Co., Ltd (Mongolia Likang) fid-29 ta' Lulju 2019 u aġġornata fit-12 ta' Frar 2021, u minn Shandong Lantian Disinfection Technology Co., Ltd (Shandong Lantian) fit-13 ta' April 2021 ("ir-rikorrenti") li l-esportazzjonijiet tagħhom lejn l-Unjoni huma soġġetti għal dazju antidumping definittiv ta' 42,6 %.

([1]) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21.
([2]) ĠU L 261, 7.10.2005, p. 1.
([3]) ĠU L 254, 29.9.2010, p. 1.
([4]) ĠU L 346, 30.12.2011, p. 6.
([5]) ĠU L 157, 27.5.2014, p. 80.
([6]) ĠU L 65, 10.3.2015, p. 18.
([7]) ĠU L 319, 5.12.2017, p. 10.

(7) Ir-rikorrenti sostnew li huma ma esportawx it-TCCA lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni tal-investigazzjoni oriġinali, jiġifieri mill-1 ta' April 2003 sal-31 ta' Marzu 2004 (il-perjodu ta' investigazzjoni, "PI").

(8) Huma stqarrew ukoll li ma kienu relatati mal-ebda wieħed mill-produtturi esportaturi tat-TCCA li huma soġġetti għall-miżuri fis-seħħ. Fl-aħħar nett, ir-rikorrenti sostnew li huma kienu esportaw it-TCCA lejn l-Unjoni wara t-tmiem tal-perjodu ta' investigazzjoni tal-investigazzjoni oriġinali.

2.2. **Il-bidu ta' rieżamijiet ta' esportatur ġodda**

(9) Wara li eżaminat l-evidenza disponibbli, il-Kummissjoni kkonkludiet li hemm evidenza biżżejjed biex tiġġustifika l-bidu ta' rieżamijiet ta' "esportatur ġdid", skont l-Artikolu 11(4) tar-Regolament bażiku. Wara li l-produtturi tal-Unjoni ngħataw opportunità biex jikkummentaw, il-Kummissjoni nediet, permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1209 ([8]), tliet rieażmijiet tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2230 fir-rigward tar-rikorrenti.

2.3. **Il-prodott ikkonċernat**

(10) Il-prodott rieżaminat huwa l-aċidu triklorojsoċjanuriku u l-preparazzjonijiet tiegħu, imsejjaħ ukoll "simklosene" bl-isem internazzjonali komuni (INN), li bħalissa jaqa' taħt il-kodiċijiet NM ex 2933 69 80 u ex 3808 94 20 (il-kodiċijiet TARIC 2933 69 80 70 u 3808 94 20 20) u li joriġina mir-RPĊ ("il-prodott ikkonċernat" jew "TCCA").

(11) It-TCCA huwa prodott kimiku użat bħala diżinfettant u bliċer organiku ġenerali tal-kloru, użat b'mod partikolari bħala diżinfettant tal-ilma fil-pixxini u l-ispas. Użi oħrajn jinkludu t-trattament tal-ilma fit-tankijiet settiċi jew torrijiet tat-tkessiħ u t-tindif tal-apparat elettrodomestiku. It-TCCA jinbiegħ bħala trab, bċejjeċ żgħar, pilloli jew laqx. Il-forom kollha tat-TCCA u t-taħlitiet għandhom l-istess karatteristiċi bażiċi (diżinfettanti) u għaldaqstant, jitqiesu bħala prodott wieħed.

2.4. **Il-partijiet ikkonċernati**

(12) Il-Kummissjoni għarrfet b'mod uffiċjali lir-rikorrenti, lill-industrija tal-Unjoni, kif ukoll lir-rappreżentanti tal-pajjiż esportatur, bit-tnedija tar-rieżamijiet. Il-partijiet interessati ngħataw l-opportunità jippreżentaw l-opinjoni tagħhom bil-miktub u li jinstemgħu.

(13) Il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarji lil tliet importaturi. Il-kwestjonarji kienu wkoll disponibbli online fil-jum tal-bidu.

(14) Fid-dawl tat-tifqigħa tal-COVID-19 u tal-miżuri tal-lockdown stabbiliti minn diversi Stati Membri kif ukoll minn diversi pajjiżi terzi, il-Kummissjoni ma setgħetx twettaq żjarat ta' verifika skont l-Artikolu 16 tar-Regolament bażiku. Minflok, il-Kummissjoni kontroverifikat mill-bogħod l-informazzjoni kollha meqjusa neċessarja għad-determinazzjonijiet proviżorji tagħha f'konformità mal-Avviż tagħha dwar il-konsegwenzi tat-tifqigħa tal-COVID-19 fuq l-investigazzjonijiet antidumping u antisussidji ([9]). Il-Kummissjoni wettqet kontroverifiki mill-bogħod (remote crosschecks, "RCCs") mat-tliet rikorrenti u ma' kumpanija fil-pajjiż analogu, jiġifieri:

Ir-rikorrenti

— Hebei Xingfei Chemical Co., Ltd

— Shandong Lantian Disinfection Technology Co., Ltd

— Mongolia Likang Bio-Tech Co., Ltd

Il-pajjiż analogu

— Il-kumpanija "A", il-Ġappun.

([8]) ĠU L 263, 23.7.2021, p. 1.

([9]) Notifika dwar il-konsegwenzi tat-tifqigħa tal-COVID-19 fuq investigazzjonijiet antidumping u antisussidji (ĠU C 86, 16.3.2020, p. 6).

2.5. **Il-Perjodu ta' Investigazzjoni tar-Rieżami**

(15) L-investigazzjoni kopriet il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2019 sat-30 ta' Ġunju 2021 ("il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami", PIR).

2.6. **Żvelar**

(16) Fil-25 ta' Frar 2022, il-Kummissjoni żvelat lill-partijiet interessati l-intenzjoni tagħha li ttemm l-investigazzjonijiet ta' rieżami mingħajr ma tiddetermina marġnijiet ta' dumping individwali għar-rikorrenti. Il-partijiet interessati ngħataw l-opportunità li jikkummentaw.

(17) Wara l-iżvelar, ir-rikorrenti sostnew li d-drittijiet tad-difiża tagħhom ġew miksura minħabba żvelar inadegwat. B'mod partikolari, ir-rikorrenti sostnew li l-Kummissjoni ma kkomunikatx informazzjoni dwar il-valur normali, li tippermetti lir-rikorrenti jipprovdu kummenti addizzjonali għad-deċiżjoni tal-Kummissjoni.

(18) Il-Kummissjoni fakkret li, skont l-Artikolu 20(2) tar-Regolament bażiku, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżvela l-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li fuq il-bażi tagħhom biħsiebha tieħu deċiżjoni. Minħabba s-sejbiet tal-investigazzjonijiet, l-informazzjoni dwar il-valur normali ma kinitx element li fuqu l-Kummissjoni kienet ibbażat is-sejbiet tagħha. Għaldaqstant, l-iżvelar ta' tali informazzjoni ma kienx neċessarju biex jippermetti lir-rikorrenti jeżerċitaw id-drittijiet proċedurali tagħhom. Għalhekk, l-affermazzjonijiet ma ntlaqgħux.

2.7. **Seduti ta' Smigħ**

(19) Wara l-iżvelar, ir-rikorrenti talbu u ngħataw seduta ta' smigħ mas-servizzi tal-Kummissjoni. Barra minn hekk, ir-rikorrenti talbu seduta mal-Uffiċjal tas-Seduta li saret fil-11 ta' Marzu 2022. L-uffiċjal tas-seduta sab li d-drittijiet proċedurali tar-rikorrenti kienu ġew irrispettati bis-sħiħ.

3. **IR-RIŻULTATI TAL-INVESTIGAZZJONI**

3.1. **Kriterji ta' "produttur esportatur ġdid"**

(20) Skont l-Artikolu 11(4) tar-Regolament bażiku, il-kriterji li għandhom jiġu ssodisfati għal produttur esportatur ġdid huma dawn li ġejjin:

(a) ma jkunx esporta lejn l-Unjoni l-prodott ikkonċernat matul il-perjodu ta' investigazzjoni li fuqu huma bbażati l-miżuri;

(b) ma jkunx relatat mal-ebda wieħed mill-esportaturi jew produtturi fir-RPĊ li huma soġġetti għall-miżuri ta' antidumping li huma fis-seħħ; kif ukoll

(c) ikun effettivament esporta lejn l-Unjoni l-prodott ikkonċernat wara l-perjodu ta' investigazzjoni oriġinali, jew li jkun daħal f'obbligu kuntrattwali irrevokabbli biex jesporta kwantità sinifikanti lejn l-Unjoni.

(21) L-investigazzjoni kkonfermat li tliet rikorrenti ma kinux esportaw il-prodott ikkonċernat matul il-perjodu tal-investigazzjoni oriġinali u li kienu bdew jesportaw lejn l-Unjoni wara dan il-perjodu.

(22) L-investigazzjoni kkonfermat ukoll li r-rikorrenti ma kienu relatati mal-ebda produttur esportatur Ċiniż soġġett għall-miżuri antidumping fis-seħħ fir-rigward tal-prodott ikkonċernat.

(23) Fir-rigward tal-kriterju li r-rikorrenti kienu bdew jesportaw lejn l-Unjoni wara l-perjodu ta' investigazzjoni oriġinali, minħabba li kull rikorrent kellu tranżazzjoni ta' esportazzjoni waħda biss ta' volum limitat matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami ("PIR"), il-Kummissjoni eżaminat jekk din it-tranżazzjoni ta' esportazzjoni setgħetx titqies suffiċjenti biex tipprovdi riflessjoni preċiża tal-imġiba tal-esportazzjoni attwali u futura tar-rikorrenti. B'mod speċifiku, il-Kummissjoni kompliet tanalizza, għal kull rikorrent: is-sehem tal-kwantità esportata f'relazzjoni mat-total tal-esportazzjonijiet u l-produzzjoni; il-prezzijiet tal-bejgħ lejn l-UE fir-rigward tal-prezzijiet tal-esportazzjoni tagħha lejn pajjiżi terzi; u, il-prezzijiet tal-bejgħ lejn l-UE fir-rigward tal-prezzijiet medji ta' produtturi esportaturi Ċiniżi oħra li esportaw volumi sinifikanti lejn l-UE matul il-PIR.

3.1.1. *Hebei Xingfei Chemical Co., Ltd*

(24) Għal Hebei Xingfei, l-investigazzjoni sabet li matul il-perjodu ta' investigazzjoni, ġiet irreġistrata tranżazzjoni ta' bejgħ waħda biss lejn l-UE, għall-volum ta' 9 tunnellati. Din it-tranżazzjoni tirrapreżenta, fl-istess perjodu, 0,09 % tal-bejgħ totali tal-kumpanija u 0,63 % tal-volum totali ta' esportazzjoni.

(25) Fir-rigward tal-prezzijiet, l-investigazzjoni wriet li, għall-gradi tat-TCCA esportati lejn l-UE, il-prezz tal-esportazzjoni għall-unika tranżazzjoni matul il-PIR kien minn 115 % sa 140 % ogħla mill-prezz medju tal-esportazzjoni ta' Hebei Xingfei lejn pajjiżi mhux tal-UE.

(26) Il-Kummissjoni qabblet ukoll il-prezzijiet tal-esportazzjoni lejn l-UE bejn Hebei Xingfei u produtturi esportaturi Ċiniżi oħra li jfornu s-suq speċifiku tal-UE ([10]) matul il-PIR. Instab li l-prezz tat-tranżazzjoni ta' Hebei Xingfei fil-livell CIF kien 53 % ogħla mill-prezz medju tal-esportazzjonijiet Ċiniżi l-oħra. Wara ż-żieda tad-dazju antidumping applikabbli, il-prezz tat-tranżazzjoni ta' Hebei Xingfei kien 105 % ogħla.

(27) Għar-raġunijiet ta' hawn fuq, l-unika tranżazzjoni ta' bejgħ għall-esportazzjoni ta' Hebei Xingfei lejn l-UE matul il-PIR ma kinitx ikkunsidrata bħala rappreżentattiva biżżejjed biex tipprovdi riflessjoni preċiża tal-imġiba tal-esportazzjoni attwali u futura ta' Hebei Xingfei.

3.1.2. *Shandong Lantian Disinfection Technology Co., Ltd*

(28) Għal Shandong Lantian, l-investigazzjoni sabet li matul il-perjodu ta' investigazzjoni, ġiet irreġistrata tranżazzjoni ta' bejgħ waħda biss lejn l-UE, għal volum ta' 29 tunnellata. Din it-tranżazzjoni tirrapreżentaa, fl-istess perjodu, 0,07 % tal-volum ta' produzzjoni totali tal-kumpanija u 0,02 % tal-volum totali ta' esportazzjoni.

(29) Fir-rigward tal-prezzijiet, l-investigazzjoni żvelat li, għall-gradi tat-TCCA mibjugħa lill-UE, il-prezz tal-esportazzjoni għall-unika tranżazzjoni kien minn 60 % sa 86 % ogħla mill-prezz medju tal-esportazzjoni ta' Shandong Lantian lejn pajjiżi mhux tal-UE matul il-PIR.

(30) Il-Kummissjoni qabblet ukoll il-prezzijiet tal-esportazzjoni lejn l-UE bejn Shandong Lantian u produtturi esportaturi Ċiniżi oħra li fornew is-suq speċifiku tal-UE matul il-PIR. Instab li l-prezz tat-tranżazzjoni ta' Shandong Lantian fil-livell CIF kien 43 % ogħla mill-prezz medju tal-esportazzjonijiet Ċiniżi l-oħra. Wara ż-żieda tad-dazji antidumping applikabbli, il-prezz tat-tranżazzjoni ta' Shandong Lantian kien 87 % ogħla.

(31) Għar-raġunijiet ta' hawn fuq, l-unika tranżazzjoni ta' esportazzjoni ta' Shandong Lantian lejn l-UE matul il-PIR, ma kinitx ikkunsidrata rappreżentattiva biżżejjed biex tipprovdi riflessjoni preċiża tal-imġiba tal-esportazzjoni attwali u futura ta' Shandong Lantian.

3.1.3. *Inner Mongolia Likang Bio-Tech Co., Ltd*

(32) Għal Mongolia Likang l-investigazzjoni sabet li matul il-perjodu ta' investigazzjoni, ġiet irreġistrata tranżazzjoni ta' bejgħ waħda biss lejn l-UE, għall-volum ta' 9 tunnellati. Din it-tranżazzjoni tirrapreżenta, fl-istess perjodu, 0,10 % tal-volum totali ta' produzzjoni tal-kumpanija u 0,71 % tal-volum total ta' esportazzjoni.

(33) Fir-rigward tal-prezzijiet, l-investigazzjoni wriet li, għall-gradi tat-TCCA mibjugħa lill-UE, il-prezz tal-esportazzjoni għall-unika tranżazzjoni kien madwar 50 % ogħla mill-prezzijiet medji tal-esportazzjoni ta' Mongolia Likang lejn pajjiżi mhux tal-UE matul il-PIR.

(34) Il-Kummissjoni qabblet ukoll il-prezzijiet tal-esportazzjoni lejn l-UE bejn Mongolia Likang u produtturi esportaturi Ċiniżi oħra li jfornu s-suq speċifiku tal-UE matul il-PIR. Hija sabet li l-prezz tat-tranżazzjoni ta' Mongolia Likang fil-livell CIF kien 11 % ogħla mill-prezz medju tal-esportazzjonijiet Ċiniżi l-oħra. Wara ż-żieda tad-dazji antidumping applikabbli, il-prezz tat-tranżazzjoni ta' Mongolia Likang kien 48 % ogħla.

([10]) Is-"suq speċifiku tal-UE" jirreferi għall-Istat Membru fejn ir-rikorrent esporta l-prodott ikkonċernat u fejn kien ibbażat il-klijent. It-tqabbil tal-prezzijiet bejn ir-rikorrent u produtturi esportaturi Ċiniżi oħra kien ibbażat fuq l-informazzjoni li tinsab fil-bażi tad-*data* tal-Artikolu 14(6), dwar l-importazzjonijiet fil-livell ta' Stat Membru.

(35) Għar-raġunijiet ta' hawn fuq, l-unika tranżazzjoni ta' bejgħ għall-esportazzjoni ta' Mongolia Likang lejn l-UE matul il-PIR, ma kinitx ikkunsidrata bħala rappreżentattiva biżżejjed biex tipprovdi riflessjoni preċiża tal-imġiba tal-esportazzjoni attwali u futura ta' Mongolia Likang.

3.2. **Konklużjoni**

(36) Matul l-investigazzjoni, bi tweġiba għal investigazzjonijiet mill-Kummissjoni dwar ir-raġunijiet li għalihom il-prezzijiet varjaw bejn is-swieq tal-esportazzjoni, ir-rikorrenti indikaw differenzi fl-imballaġġ, fil-kwalità u fi primjum ogħla fuq il-prezz li setgħu jiksbu fis-suq tal-Unjoni. Madankollu, id-differenzi fl-imballaġġ u fil-kwalità ġew spjegati min-numru ta' kontroll tal-prodott assenjat lill-prodotti meta mqabbel ma' destinazzjonijiet oħra tal-esportazzjoni. Barra minn hekk, it-tqabbil mal-esportazzjonijiet ta' produtturi Ċiniżi oħra matul il-PIR wera li s-suq tal-Unjoni ma kienx jattira primjum li kien kapaċi jispjega d-differenza osservata fil-prezz.

(37) Wara l-iżvelar, ir-rikorrenti sostnew li s-sejbiet tal-Kummissjoni kienu mingħajr bażi ġuridika billi kienu bbażati fuq valutazzjoni tar-rappreżentattività tat-tranżazzjonijiet li mhijiex prevista fl-Artikolu 11(4) tar-Regolament bażiku. Barra minn hekk, ir-rikorrenti sostnew li l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni fir-rigward tar-rappreżentattività tat-tranżazzjonijiet kienet inkonsistenti mal-ġurisprudenza tad-WTO (World Trade Organisation). Huma rreferew għal DS295 *Mexico - Antidumping Measures on Rice*, fejn l-istabbiliment ta' rekwiżit addizzjonali għall-bidu ta' rieżami, jiġifieri volum rappreżentattiv, instab inkonsistenti mal-Artikolu 9.5 tal-ftehim antidumping. L-istess talba saret minn importatur tal-Unjoni.

(38) Il-Kummissjoni qieset li s-sejbiet tal-Korp tal-Appell tad-WTO fid-DS295 ma kinux strettament rilevanti għall-każ inkwistjoni. Din is-sejba kienet tikkonċerna ċirkostanzi differenti, b'mod partikolari jekk dispożizzjoni legali fil-liġi domestika Messikana li tillimita l-possibbiltà li tinbeda reviżjoni ta' esportatur ġdid billi tirrikjedi l-eżistenza ta' volumi rappreżentattivi minimi kinitx konsistenti mal-ftehim antidumping (antidumping agreement, ADA). F'dan il-każ, l-ebda kriterju bħal dan ma kien ġie applikat mill-Kummissjoni biex tiddeċiedi li tiftaħ ir-rieżamijiet attwali tal-esportaturi.

(39) Barra minn hekk, fir-rigward tal-istadju tal-investigazzjoni, il-Kummissjoni fakkret li d-deċiżjoni tagħha li ttemm ir-rieżamijiet ma kinitx ibbażata fuq nuqqas ta' volumi rappreżentattivi, iżda fuq evalwazzjoni ta' jekk il-prezz tal-esportazzjoni tar-rikorrenti, fid-dawl tal-volumi baxxi fi tranżazzjoni waħda biss ta' bejgħ għal kull wieħed mir-rikorrenti, kienx biżżejjed biex jirrifletti b'mod preċiż l-aġir tal-esportazzjoni attwali u futur tal-esportaturi. Kif imfakkar fil-premessa (23), kull esportatur kellu biss tranżazzjoni ta' esportazzjoni waħda matul il-PIR, u dan wassal biex il-Kummissjoni twettaq analiżi fil-fond dwar l-adegwatezza tal-prezz ta' dik it-tranżazzjoni ta' esportazzjoni unika. Dan għaliex, b'kuntrast ma' investigazzjoni oriġinali skont l-Artikolu 5 tar-Regolament Bażiku, fil-kuntest ta' investigazzjoni ta' rieżami, u b'mod partikolari fil-kuntest ta' rieżami ta' esportatur ġdid, huwa l-esportatur li jitlob li r-rieżami jinbeda fuq il-bażi ta' tranżazzjonijiet li huwa jaf li normalment jintużaw bħala bażi għall-kalkolu tal-marġni tad-dumping. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tfakkar li hija obbligata tiżgura l-effettività tad-dazji fis-seħħ biex ma tfixkilx l-objettiv tar-Regolament Bażiku li jipprovdi solliev lill-industrija tal-Unjoni billi jikkumpensa l-effetti dannużi tal-importazzjonijiet li nstabu li kienu l-oġġett ta' dumping matul il-perjodu ta' investigazzjoni oriġinali. Fuq din il-bażi, il-preżenza ta' tranżazzjoni waħda biss matul il-PIR fil-kuntest ta' investigazzjoni ta' rieżami teħtieġ assigurazzjonijiet addizzjonali li tali prezz ta' esportazzjoni huwa biżżejjed biex issir sejba raġonevolment preċiża ta' dumping, li jevita r-riskju li d-dazji eżistenti jiddgħajfu. Konsegwentement, il-Kummissjoni ddeċidiet li teżamina u teżamina l-provi rilevanti kollha li rċeviet mingħand ir-rikorrenti, inklużi l-prezzijiet lejn swieq oħra tal-esportazzjoni u l-ispjegazzjonijiet mogħtija għad-devjazzjoni apparenti fir-rigward tal-prezzijiet tas-suq tal-Unjoni ta' dawn it-tranżazzjonijiet uniċi. Bħala riżultat ta' dan l-eżami, għal raġunijiet li ġew deskritti fil-qosor, il-Kummissjoni kkunsidrat li l-prezzijiet tal-esportazzjoni tat-tranżazzjonijiet rispettivi tat-tliet esportaturi ma kinux xierqa biex issir sejba raġonevolment preċiża ta' dumping. Għalhekk, fuq il-bażi tal-evidenza kollha miġbura matul l-investigazzjoni u biex tiġi żgurata l-effettività tad-dazji fis-seħħ, il-Kummissjoni ddeterminat li l-applikazzjoni tad-dazju residwu fir-rigward tar-rikorrenti f'dan il-każ kienet xierqa. Għalhekk, l-affermazzjonijiet ma ntlaqgħux.

(40) Wara l-iżvelar, ir-rikorrenti ma qablux ukoll mal-fehma tal-Kummissjoni li d-differenzi fil-kwalità kienu rrappreżentati mill-hekk imsejħa numri ta' kontroll tal-prodott, li ntużaw fil-kwestjonarji, u għalhekk, il-paraguni tal-prezzijiet li saru bejn il-prezzijiet tal-esportazzjoni tar-rikorrenti u l-prezz tal-esportaturi Ċiniżi l-oħra kienu irrilevanti.

(41) Il-Kummissjoni fakkret li n-numri ta' kontroll tal-prodott użati fil-każ kienu l-istess li ntużaw fl-investigazzjoni oriġinali, kif ukoll fl-investigazzjonijiet sussegwenti kollha li jikkonċernaw dan il-prodott. Il-Kummissjoni nnotat li n-numri ta' kontroll tal-prodott jikklassifikaw it-tipi differenti ta' prodott li jaqgħu fid-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat fuq il-bażi tal-karatteristiċi tekniċi differenti. Din il-klassifikazzjoni tippermetti t-tqabbil ta' prodotti simili ma' oħrajn, billi l-prodotti jitqabblu skont il-karatteristiċi distintivi simili tagħhom. Ir-rikorrenti ma sostanzjawx li l-allegati differenzi fil-kwalità ttieħdu inkunsiderazzjoni waqt l-iffissar tal-prezzijiet u b'hekk affettwaw il-komparabbiltà tal-prezzijiet. Għalhekk, l-affermazzjonijiet ma ntlaqgħux.

(42) Wara l-iżvelar, ir-rikorrenti sostnew li t-tqabbil tal-prezzijiet tal-esportazzjoni tagħhom lejn l-UE mal-prezz medju ta' produtturi esportaturi Ċiniżi oħra ma wassalx għal konklużjonijiet sinifikanti, billi 1) dawn huma r-riżultat ta' taħlita ta' strateġiji tal-esportazzjoni, 2) l-esportaturi huma soġġetti għal dazji differenti li jistgħu jaffettwaw il-prezzijiet u 3) il-perjodu kkunsidrat huwa twil wisq u l-varjazzjonijiet fil-prezzijiet jistgħu jfixklu l-valutazzjoni. Barra minn hekk, ir-rikorrenti ppreżentaw sett ta' *data* tal-Eurostat dwar l-importazzjoni, fejn il-prezzijiet medji tal-importazzjoni tal-prodott ikkonċernat kienu ogħla mill-prezzijiet tar-rikorrenti, u b'hekk sostnew l-eżistenza ta' prezz primjum tal-Unjoni.

(43) L-analiżi tal-prezzijiet tal-importazzjoni fl-Unjoni, madankollu, ippermettiet lill-Kummissjoni tistabbilixxi livell ta' prezz ta' referenza li fih il-prodott ikkonċernat ġie kkummerċjalizzat fl-Unjoni. Għalhekk, ippermettiet ukoll li jiġi vvalutat jekk il-prezzijiet tal-esportazzjoni tar-rikorrenti lejn l-Unjoni weġbux għall-kundizzjonijiet tas-suq tal-Unjoni. L-analiżi tad-*data* tal-importazzjoni, fil-livell TARIC, uriet li l-biċċa l-kbira tal-prezz ta' produtturi esportaturi Ċiniżi oħra li esportaw matul il-PIR, li jista' jkollhom strateġiji ta' esportazzjoni differenti, madankollu, ikkonverġew f'firxa speċifika u limitata ta' prezzijiet fil-livell CIF u saħansitra idjaq wara li jiżdied id-dazju. Kif imsemmi hawn fuq fil-premessi (26), (30), u (34), il-prezzijiet tar-rikorrenti ddevjaw b'mod sinifikanti mil-livell ta' prezz ta' referenza stabbilit b'dan il-mod, li tqiesu bħala prezzijiet tas-suq kummerċjali fl-Unjoni. Din id-devjazzjoni ma setgħetx tiġi spjegata b'mod raġonevoli. Fl-aħħar nett, meta wieħed iqabbel il-prezzijiet fix-xahar li fih saret it-tranżazzjoni, ir-riżultat tal-analiżi baqa' l-istess ([11]).

(44) Fir-rigward tad-*data* tal-Eurostat dwar l-importazzjoni pprovduta mir-rikorrenti, il-Kummissjoni nnutat li din l-istatistika kienet fil-livell tal-kodiċi NM bi tmien ċifri, u għalhekk, kienet tikkonċerna basket usa' ta' prodotti. F'dan il-basket usa', il-prodott ikkonċernat kien jirrappreżenta inqas minn 30 % f'termini ta' volum u inqas minn 25 % f'termini ta' valur. Madankollu, il-valutazzjoni tal-Kummissjoni kienet ibbażata fuq *data* fil-livell tal-kodiċi TARIC b'10 ċifri, li kienet tikkonċerna esklużivament il-prodott ikkonċernat u għalhekk, kienet sors aktar preċiż ta' informazzjoni. Għalhekk, l-affermazzjonijiet ma ntlaqgħux.

(45) Fid-dawl tar-raġunijiet ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkunsidrat li t-tranżazzjonijiet ipprezentati mir-rikorrenti ma kinux jikkostitwixxu f'bażi rappreżentattiva biżżejjed u ma pprovdewx riflessjoni preċiża biżżejjed tal-imġiba attwali u futura tagħhom fl-ipprezzar tal-esportazzjoni li tista' tifforma l-bażi għad-determinazzjoni ta' marġni ta' dumping individwali. Fuq din il-bażi, l-investigazzjoni tar-rieżami jenħtieġ li tiġi terminata.

4. **IMPOSTA RETROATTIVA TAD-DAZJU ANTIDUMPING**

(46) Fid-dawl tas-sejbiet deskritti hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li jenħtieġ li r-rieżami li jikkonċerna l-importazzjonijiet tat-TCCA manifatturati mir-rikorrenti u li joriġinaw mir-RPĊ, jintemm. Id-dazju applikabbli għall-"kumpaniji l-oħra kollha" skont l-Artikolu 1(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2230 jenħtieġ li japplika għall-prodotti mmanifatturati mir-rikorrenti. Konsegwentement, jenħtieġ li r-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet tar-rikorrenti tintemm u d-dazju għall-pajjiż kollu applikabbli għall-kumpaniji l-oħra kollha (42,6 %), impost mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2230 jenħtieġ li jiġi impost retroattivament fuq dawn l-importazzjonijiet mid-data ta' bidu ta' dawn ir-rieżamijiet. Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-possibbiltajiet li l-importaturi jitolbu rifużjoni f'konformità mal-Artikolu 11(8) tar-Regolament bażiku.

([11]) It-tranżazzjoni ta' Mongolia Likang fil-livell CIF kienet 18 % ogħla mill-prezz medju tal-esportazzjonijiet Ċiniżi l-oħra lejn l-UE fix-xahar li fih saret it-tranżazzjoni. Wara ż-żieda tad-dazji antidumping applikabbli, il-prezz tat-tranżazzjoni ta' Mongolia Likang kien 58 % ogħla. Għal Shandong Lantian il-prezzijiet fil-livell CIF kienu 70 % ogħla u 126 % ogħla wara d-dazji. Għal Hebei Xingfei, il-prezzijiet fil-livell CIF kienu 78 % ogħla u 138 % ogħla wara d-dazji.

(47) Il-miżuri stipulati f' dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) 2016/1036,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Ir-rieżami ta' "esportatur ġdid" imniedi mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/1209 huwa b'dan mitmum.

2. Id-dazju antidumping applikabbli skont l-Artikolu 1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2230 għall-"kumpaniji l-oħra kollha" fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (kodiċi addizzjonali TARIC A999) japplika għal prodotti manifatturati minn Hebei Xingfei Chemical Co., Ltd, Inner Mongolia Likang Bio-Tech Co., Ltd (Likang), u Shandong Lantian Disinfection Technology Co., Ltd.

Artikolu 2

1. L-Artikolu 2 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/1209 huwa hawnhekk revokat.

2. Id-dazju antidumping applikabbli skont l-Artikolu 1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2230 għall-"kumpaniji l-oħra kollha" fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (kodiċi addizzjonali TARIC A999) huwa b'dan impost fuq l-importazzjonijiet identifikati fl-Artikolu 1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/1209.

3. Id-dazju antidumping imsemmi fil-paragrafu 2 huwa b'dan impost b'effett mill-24 ta' Lulju 2021 fuq il-prodotti li ġew irreġistrati skont l-Artikolu 3 tar-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) 2021/1209.

Artikolu 3

1. B'dan, l-awtoritajiet doganali huma mitluba jwaqqfu r-reġistrazzjoni ta' importazzjonijiet imwettqa skont l-Artikolu 3 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/1209.

2. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet fis-seħħ dwar id-dazji doganali.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' April 2022.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN